31995R0997

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 997/95
tat- 3 ta' Mejju 1995
li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 u (KEE) Nru 2019/93 u r-Regolamenti (KEE) Nru 886/87, (KEE) Nru 816/89, (KEE) Nru 3780/90, (KEE) Nru 1108/91, (KE) Nru 3254/93, (KE) Nru 1281/94 u (KE) Nru 1372/94 rigward il-kodiċi ta' nomenklatura magħquda għal frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/79 tal-5 ta' Frar 1979 rigward il-proċedura għall-aġġustament tan-nomenklatura fit-Tariffa tad-Dwana Komuni użata għall-prodotti agrikoli [1], kif l-aħħar emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 3290/94 [2], u partikolarment l-Artikolu 2(1) migjub fih,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3115/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1994 li jemenda l-Annessi I u II għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa tad-Dwana Komuni [3] jipprovdi emendi rigward il-qaqoċċ li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0709 10, il-lariġ li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0805 10, il-lumi li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0805 30, l-għeneb tal-mejda li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0806 10, it-tuffieħ li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0808 10, il-berquq li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0809 10, il-ħawħ li jaqa' taħt kodiċi NM 0809 30 u l-lewż li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0813 50;

Billi dawn il-prodotti jidhru fit-test tar-Regolamenti:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex [4], kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament (KE) Nru 3290/94,

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 886/87 tas-27 ta' Marzu 1987 dwar in-notifikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni relatata ma' l-importazzjoni tat-tuffieħ tad-deżerta [5], kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament (KE) Nru 1152/94 [6],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 816/89 tat-30 ta' Marzu 1989 li jistabilixxi l-lista ta' prodotti soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kummerc supplementari fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex friski [7], kif emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3831/92 [8],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3780/90 tad-19 ta' Diċembru 1990 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3576/90 rigward is-sospensjoni temporanja tal-mekkaniżmu ta' kumpens għall-importazzjoni u d-dwana fuq il-frott u l-ħxejjex li joriġinaw minn Spanja u l-Portugall maħruga għall-konsum fit-territorju ta' dik li kienet ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja [9],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1108/91 tat-30 ta' April 1991 li jistabilixxi standards ta' kwalità għall-berquq [10],

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-gżejjer Eġej iż-żgħar rigward ċerti prodotti agrikoli [11], kif emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 822/94 [12],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3254/93 tas-26 ta' Novembru 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 dwar l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għal ċerti frott u ħxejjex għall-benefiċċju tal-gżejjer Eġej iż-żgħar [13], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 3128/94 [14],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1281/94 tat-2 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi sistema għas-sorveljanza ta' l-importazzjonijiet ta' ċirasa morra friska li toriġina fir-Repubbliki tal-Bosnia-Herzegovina, il-Kroazja, is-Slovenja u t-territorju ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja [15],

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1372/94 tas-16 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxi ċerti limiti individwali u ċerti regoli dettaljati addizjonali għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu kummercjali supplementari fil-frott u l-ħxejjex frisk bejn il-Portugall u l-Istati Membri l-oħra [16];

Billi r-Regolamenti msemmija qabel għandhom għalhekk jiġu emendati;

---

[1] ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 2.
[2] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
[3] ĠU L 345, tal-31.12.1994, p. 1
[4] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
[5] ĠU L 85, tat-28.3.1987, p. 16.
[6] ĠU L 129, tal-21.5.1994, p. 4.
[7] ĠU L 86, tal-31.3.1989, p. 35.
[8] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 47.
[9] ĠU L 364, tat-28.12.1990, p. 11.
[10] ĠU L 110, tal-1.5.1991, p. 67.
[11] ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.
[12] ĠU L 95, ta' l-14.4.1994, p. 1.
[13] ĠU L 293, tas-27.11.1993, p. 34.
[14] ĠU L 330, tal-21.12.1994, p. 45.
[15] ĠU L 140, tat-3.6.1994, p. 12.
[16] ĠU L 151, tas-17.6.1994, p. 6.

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott u l-Ħaxix ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 hija emendata kif gej:

1. Il-partiti

"08061011	Għeneb tal-mejda frisk"
08061015	
08061019	

Huma mibdula b'dan li gej.

"08061021	Għeneb tal-mejda frisk"
08061029	
08061030	
08061040	
08061050	
08061061	
08061069	

2. Il-partita

"01835030	Taħlitiet, li jikkonsistu esklużivament minn gewż imnixxef ta' l-intestatura Nri. 0801 u 0802"

Hija mibdula b'dan li gej:

"08135031	Taħlitiet, li jikkonsistu esklużivament minn gewż imnixxef
08135039	ta' l-intestatura Nri. 0801 u 0802"

Artikolu 2

Fl-Artikolu tar-Regolament (KEE) Nru 886/87 il-kodiċi NM 0808 10 31 sa 0808 10 89 għat-tuffieħ tal-mejda huwa mibdul bil-kodiċi NM 0808 10 51 sa 0808 10 98.

Artikolu 3

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 816/89 huwa emendat kif gej:

1. Il-partita

"07091000	il-Qaqoċċ"

hija mibdula b'dan li gej:

"07091010	il-Qaqoċċ"
07091020	
07091030	
07091040	

2. Il-partita

"08091000	il-Berquq"

hija mibdula b'dan li gej:

"08091010	il-Berquq"
08091020	
08091030	
08091040	
08091050	

3. Il-partita

"ex08093000	l-ħawħ, minbarrra n-nuċiprisk"

hija mibdula b'dan li gej:

"08093019	Il-ħawħ, minbarra n-nuciprisk."
08093029	
08093039	
08093049	
08093059	

Artikolu 4

Fl-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 3780/90, il-kodiċi NM 0805 30 10 għal-lumi huwa mibdul bil-kodiċi NM 0805 30 20 sa 0805 30 40.

Artikolu 5

Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1108/91, il-kodiċi NM 0809 10 00 għall-berquq huwa mibdul bil-kodiċi NM 0809 10 10 sa 0809 10 50.

Artikolu 6

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 huwa emendat kif gej:

1. Il-Kodiċi NM 0808 10 31 sa 0808 10 89 għat-tuffieħ huwa mibdul bil-kodiċi NM 0808 10 51 sa 0808 10 98;

2. Il-Kodiċi NM 0808 20 31 sa 0808 20 39 għal-lanġas huwa mibdul bil-kodiċi NM 0808 20 31 sa 0808 20 67.

Artikolu 7

L-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 3254/93 huma emendati kif gej:

1. Il-Kodiċi NM 0808 10 31 sa 0808 10 89 għat-tuffieħ u mibdul bil-kodiċi NM 0808 10 51 sa 0808 10 98;

2. Il-kodiċi NM 0808 20 31 sa 0808 20 89 għal-lanġas huwa mibdul bil-kodiċi NM 0808 20 31 sa 0808 20 67.

Artikolu 8

Il-punt 2 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1281/94 huwa emendat kif gej:

1. Il-kodiċi NM 0809 20 20 għac-ċirasa morra (Prunus cerasus) mill-1 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju huwa mibdul bil-kodiċi NM 0809 20 21, 0809 20 31 u 0809 20 41;

2. Il-Kodiċi NM 0809 20 60 għac-ċirasa morra (Prunus cerasus) mis-16 ta' Lulju sat-30 ta' April huwa mibdul bil-kodiċi NM 0809 20 11, 0809 20 51, 0809 20 61 u 0809 20 71.

Artikolu 9

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1372/94 huwa emendat kif gej:

1. Il-partiti

"08051041	Il-laring"
08051045	
08051049	

huma sostitwiti b'dan li gej:

"08051001	Il-laring"
08051005	
08051009	

2. Il-partiti

"0805 10 31

0805 10 35

0805 10 39"

huma mibdula b'dan li ġej:

"0805 10 32

0805 10 34

0805 10 36".

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Mejju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni